

32001D0027

L 6/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

11.1.2001

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tas-27 ta' Diċembru 2000****li temenda d-Deċiżjoni 92/160/KEE dwar l-importazzjonijiet ta' żwiemel mill-Brażil**

(notifikata taħt id-dokument numru Ċ(2000) 4145)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2001/27/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjonijiet ta' żwiemel minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari Artikoli 13(2) tagħha,

Billi:

- (1) Skond il-leġislazzjoni tal-Komunità, l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw żwiemel minn pajjiżi terzi jew fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni uffiċjali minn partijiet tat-territorju ta' pajjiżi terzi, li kienu ħielsa mill-mard taż-żwiemel għall-aħħar sitt xhur qabel l-esportazzjoni.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/160/KEE ⁽²⁾, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2000/508/KE ⁽³⁾, tistabbilixxi r-reġjonalizzazzjoni ta' ċerti pajjiżi terzi għall-importazzjonijiet taż-żwiemel.
- (3) Id-Deċiżjoni 92/160/KEE ġiet emendata fir-rigward ta' importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità ta' żwiemel mill-Brażil bid-Deċiżjonijiet 2000/163/KE ⁽⁴⁾ u 2000/508/KE minħabba rapporti ta' mard taż-żwiemel fuq żwiemel lokali fl-Istati ta' Pernambuco u Alagoas u Sergipe u Ceará rispettivament.

- (4) Il-Brażil irrapporta każijiet kliniċi ġodda ta' mard taż-żwiemel fi żwiemel indiġeni tax-xogħol f'ċerti distretti ta' l-Istati ta' Maranhão u Piauí fil-grigal tal-pajjiż. Fi ħdax-il Stat l-aktar fil-grigal tal-pajjiż qiegħed isir sħarriġ seroloġiku biex tiġi stmata s-sitwazzjoni tal-marda.
- (5) Huwa għalhekk xieraq li r-reġjonalizzazzjoni tiġi addattata għas-sitwazzjoni tal-marda fil-pajjiż konċernat, waqt li jingħata kas ta' l-istħarriġ li huwa għaddej bħalissa.
- (6) Il-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kliem "Maranhão", "Piauí", "Rio Grande do Norte", "Paraíba", "Bahia" u "Tocantins" huma mneħħija mil-lista ta' l-Istati tal-Brażil fl-Anness għad-Deċiżjoni 92/160/KEE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula Brussel, fis-27 ta' Diċembru 2000.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42.

⁽²⁾ ĠU L 71, tat-18.3.1992, p. 27.

⁽³⁾ ĠU L 204, tal-11.8.2000, p. 44.

⁽⁴⁾ ĠU L 51, ta' l-24.2.2000, p. 46.